# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 51/2017 MH**

**Illum, 8 ta' Mejju, 2019**

**Danilo Bezzina**

**vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent tal-4 ta' Lulju 2017** li permezz tiegħu espona:

*"Illi meta l-esponenti kellu biss tlieta u għoxrin (23) sena huwa ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu mill-Pulizija quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali senjatament:*

1. *Talli f'dawn il-Gżejjer f'xi perjodu bejn April 2006 u Awissu 2006 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fil-kapaċita tiegħu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, rċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom ma kellux jedd, u minħabba dan naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.*

2. *Kif wkoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, fil-kapaċita tiegħu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesiġi l-flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmijirijet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-ligi.*

*Illi l-istess Onorabbli Qorti sureferità għoġobHa wara li rat l-Artikolu 18, 115(C), 112, 121(1), 119 u 533 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu iżda stante l-ammissjoni ta' l-imputat u stante wkoll il-fedina penali tiegħu li hija waħda nadifa flok ikkundannat lill-imputat, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum.*

*Illi l-istess Onorabbli Qorti qed applikat l-Artikolu 119 tal-Kap 9 u għalhekk l-imputat ingħata l-interdizzjoni perpetwa.*

*Illi l-esponenti jħoss li dik is-sentenza in kwantu imponiet fuqu l-interdizzjoni perpetwa, barra milli hija inġusta għaliex hija applikazzjoni żbaljata tal-liġi qiegħeda toħloqlu tbatija ntollerabbli għaliex barra milli ġabitu f'sitwazzjoni li ma jistax lanqas jaqla' l-għejxien tiegħu minħħabba nuqqas ta' impieg f'ħiliet li huma possibbli għalih qiegħeditu f'sitwazzjoni li mhi xejn aħjar minn karċerazzjoni ħlief għal fatt li għandu liberta' ta' movement.*

*Illi huwa risaput illi kull piena kriminali timplika uġih materjali u/jew mentali u kunsegwenzi spjaċevoli li huma l-firma retribuzzjonli li s-soċjea' tesiġi mingħand il-ħati, imma tali piena, uġih u kunsegwenzi spjaċevoli għandhom tassew ikunu dovuti u huma proporzjonali ma' l-ammont ta ħsara kaġunata u għalehkk proporzjonati mar-retribuzzjoni dovuta mill-ħati lejn is-soċjeta'. Għaliex in kwantu dik ir-retribuzzjoni hija sproporzjonata ma jibqgħaliex ġustifikazzjoni legali anzi tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjojnalita' li huwa prinċipju bażilari tal-liġi speċjalment fejn tidħol il-liġi kriminali u d-drittijiet fundamentali.*

*Illi piena li mhix proporzjonata għal ħtija tammonta għal trattament degradanti u inuman bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali kif ukoll bi ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi li ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattamnent inuman jew degradanti.*

*Illi l-esponenti jħoss illi l-piena applikata lilu bis-sentenza fuq imsemmija barra milli hija applikazzjoni żbaljata ta' liġi speċifika, in kwantu timponu fuqu interdizzjoni perpetwa u ġenerali tammonta għal trattament degradanti u*

*inuman fis-sens tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija kif ukoll fis-sens tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi sussegwentament għas-sentenza fuq imsemmija l-liġi relattiva ġiet emendata fis-sens li huwa possibbli għall-esponenti li jieħu piena inqas gravi f'dak li hija interdizzjoni u ċioe interdizzjoni speċjali f'liema każ hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-konvenzjoni u inkwantu l-esponenti ma kellux u m'ghandux mekkanizmu legali sabiex jitlob l-applikazzjoni tal-piena inqas gravi, hemm vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-imsemmija konvenzjoni .*

*Illi in kwantu jirrizulta illi l-piena tal-intedizzjoni kriminali hija anċillari għal piena prinċipali tar-reat li għalih huwa gie misjub ħati dina qatt ma tista' tkun aktar gravusa minn dik prinċipali tammonta ghal vjolazzjoni tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant senjatament fejn tidhol kwistjoni ta' ċertezza legali kif ukoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u 36 tal-Kostituzzjoni fuq imsemmija.*

*GĦALDAQSTANT u in vista tal-premess l-esponenti jitlob umilmet lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju, 2009 in kwantu timponi fuqu l-interdizzjoni perpetwa tammonta għal trattament degradanti u inuman fis-sens tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija kif ukoll fis-sens tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjon ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess sentenza tivvjola l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu il-piena ta' interdizzjoni perpetwa bħala piena anċillari għal dik prinċipali hija aktar gravuża mil-piena prinċipali u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju tal-ċertezza legali;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi in kwantu li sussegwentament għal l-istess sentenza l-liġi relattiva ġiet emendata b'tali mod li fil-każ partikolari tal-esponenti li kieku ma kinx għall-fatt li huwa ġie hekk ikkundat, kien possibbli għalih li jibbenifika minn piena anqas gravi u in kwantu ma hemm l-ebda mekkaniżmu legali li in forza tiegħu huwa jista' japplika għat-tnaqqis fl-istess piena hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 abbinat mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija;*

4. *Tagħti dawk dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha xierqa sabiex l-effeti ta' dik is-sentenza in kwantu jammontaw għal trattament degradanti u inuman kif fuq ingħad ma jkollhom ebda effett kontra tiegħu;*

5. *Tillikwida kwalunkwe kunmpens li jidhrilha xieraq bħala rizultat tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu liema kumpens ikun dovut mill-Istat Malti; u*

*Tipprovdi kwalkunkwe rimedju ieħor li jidhrilha xieraq u opportun."*

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Lulju 2017**[1] li permezz tagħha eċċepixxa:

*"Illi permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrenti qed jallega illi l-impożizzjoni fuqu ta' interdizzjoni perpetwa hija illegali kif ukoll tammonta għal trattament degradanti u inuman bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Illi inoltre r-rikorrent qed jallega vjolazzjoni tal-artikolu 7 u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni u dan peress li wara li ngħatat is-sentenza, l-liġi relattiva ġiet emendata fis-sens li huwa possibbli għall-persuna li tieħu piena inqas gravi f'dik li hija interdizzjoni u cioe' persuna llum il-ġurnata tista' tingħata interdizzjoni speċjali;*

*Illi r-rikorrent jallega wkoll illi in kwantu illi l-piena tal-interdizzjoni perpetwa hija aktar gravuża mill-piena principali u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali din tammonta għal vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Malta*

1. *Fl-ewwel lok l-esponent umilment jitlob illi jiġu allegati l-atti kollha tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Sp Angelo Gafa') vs Danilo Bezzina",** liema proċeduri ġew konklużi fil-25 ta' Ġunju 2009 permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

[1] Fol 8 et seq

2. *Fit-tieni lok u in linea preliminari l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma ntroduċew il-proċedura odjerna. F'dan ir-rigward l-esponenti jissollevaw illi r-rikorrenti kellu dritt jappella mis-sentenza* ***Il-Pulizija (Sp Angelo Gafa') vs Danilo Bezzina*** *deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ġunju 2009 kif ukoll kellu u għad għandu possibilita' ta' reviżjoni tal-piena ta' interdizzjoni u dan ai termini tas-sub-inċiż (6) tal-artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula hekk:*

   *"L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjoni tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti."*

   *Illi proċeduri ta' natura kostituzzjonali mhumiex intiżi biex jissosstitwixxu proċeduri ordinarji li setgħu jiġu proposti. Għalhekk din il-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonai ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fit-tielet lok u in linea preliminari wkoll l-esponenti jeċepixxu illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-allegazzjoni illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta imponiet fuq ir-rikorrent l-interdizzjoni perpetwa, l-esponent jeċepixxi illi din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha għandha l-kompitu illi tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi*

*jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le. Jingħad hawnhekk illi din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti b'kompetenza kostituzzjonali ma tistax isservi bħala qorti tal-appell, minn deċiżjoni li magħha r-rikorrent ma jaqbilx;*

4. *Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tal-esponent għandhom jiġu respinti għar-raġunijiet segwenti:*

***Ebda ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

5. *Illi fil-każ odjern ċertament illi r-rikorrent ma ġiex assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti;*

6. *Illi l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ġew intrepretati mill-Qrati lokali bħala :*

*"trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bħala tali jrid ikun ta' natura gravi, jiġifieri li jkun trattament ta' ċertu piż u severita'."*[2]

7. *Illi l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie nterpretat hekk mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem:*

[2] Joseph Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija (deciz 14 ta' Gunju 1995 – Qorti Kostituzzjonali)

*"Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Kafkaris v. Cyprus [GC], no. 21906/04, §95, ECHR 2008). The Court has considered treatment to be 'inhuman' because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see among other authorities, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, §92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was 'degrading' within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3."*[3]

8. *Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti Ewropea huma kwalifikati b'din l-eċċezzjoni:*

***"In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (Ramirez Sanchez, cited above, §§ 118-119)"[4].***

[3] *A and Others v. United Kingdom* decided 19th February 2009 (App No3455/05).
[4] Tipa grassa u sottolinear tal-esponenti

9. *Illi għalhekk jidher ċar li l-Qorti Ewropea qed teskludi fi kwalunkwe każ xi sofferenza, angoxxa u biża' fost' ohrajn li persuna tista' tesperjenza b'mod inevitabbli fid-dawl ta' trattament leġittimu. Il-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll il-Kostituzzjoni tagħna) ma toffrix protezzjoni minn emozzjonjiet u esperjenzi inevitabbli fiċ-ċirkustanzi ta' <u>trattament leġittimu u skond il-liġi</u> kif inhu fil-każ odjern;*

10. *Illi l-protezzjoni ghad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet ohra premeditat, li jikkawza tbatija fizika u mentali, u <u>trattament intenzjonat u apposta</u> li johloq biza, twerwir, angoxxa ecc <u>bil-ghan specifiku</u> li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna;*

11. *Illi ma jirriżultax fil-każ odjern sar xi aġir li jista' jitqies li jammonta għal dan it-tip ta' trattament u għaldaqsatnt din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet waħda leġittima u proporzjonata tenut kont tal-akkużi li tagħhom instab ħati r-rikorrent;*

13. *Illi l-piena ta' interdizzjoni perpetwa mposta fuq ir-rikorrent hija kontemplata mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent;*

14. *Illi l-interdizzjoni perpetwa imposta fuq ir-rikorrent tiskwalifika lir-rikorrent minn karigi jew impjiegi pubbliċi pero' bl-ebda mod ma żżomm lir-rikorrent milli jidħol f'impjieg f'ħiliet li huma possibbli għalih;*

15. *Illi din il-piena ma ġietx inflitta b'mod kapriċċuż iżda ġiet inflitta per konsegwenza tal-aġir illegali da parti tar-rikorrent;*

**Ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

16. *Illi dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jaqax fil-parametri tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan peress illi dawn l-artikoli jitrattaw smiegħ xieraq u fuq il-proċedura li għandha tiġi adoperata meta persuna tkun qed tiġi akkużata b'reat kriminali. Fil-każ odjern ma jirriżultax illi hemm xi lment ta' din it-tip;*

17. *Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jikkontemplawx kwistjonijiet ta' jekk piena anċillari tistax tkun aktar gravuża mill-piena prinċipali u għaldaqstant dawn l-artikoli mhumiex applikabbli għall-każ odjern;*

18. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-piena ta' interdizzjoni perpetwa ma hijiex piena anċillari u iżjed gravuża mill-piena prinċipali iżda hija parti mill-piena komplessiva li għandha tingħata lill-persuna li tkun instabet ħatja ta' reati elenkati fl-artikoli 112 sa 118 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-massimu tal-pieni abbinati ma dawn ir-reati jkun iżjed minn sentejn priġunerija. Illi peress illi r-rikorrent instab ħati ta' wieħed minn dawn ir-reati, ġie inflitta fuqu l-interdizzjoni perpetwa kif titlob il-liġi;*

19. *Illi fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza il-Qorti ma kelliex diskrezzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tagħtix din il-piena jew le u dan peress illi l-liġi kienet tassattiva;*

20. *Illi fil-każ odjern ma jirriżulta ebda inċertezza legali u dan peress illi l-liġi hija ċara, kienet hemm qabel ma seħħew ir-reati li tagħhom ġie misjub ħati r-rikorrent u allura r-rikorrent kien jew seta' kien konxju tal-pieni abbinati mar-reati in kwistjoni;*

**Ebda ksur tal-artikolu 7 u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem**

21. *Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jistipula hekk:*

*"1. No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the criminal offence was committed.*

*2. This Article shall not prejudice the trial and punishment of any person for any act or omission which, at the time when it was committed, was criminal according to the general principles of law recognised by civilised nations."*

22. *Illi jibda biex jingħad illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni lanqas ma huwa applikabbli għall-każ odjern u dan peress illi fil-każ odjern ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn piena abbinata ma reat mentri l-artikolu 7*

*jikkontempla sitwazzjoni għal kollox differenti u cioe sitwazzjoni fejn persuna tkun instabet ħatja ta' reat minħabba li tkun wettqet att li fiż-żmien li wettqitu ma kienx jikostitwixxi reat. Dak li qed jgħid l-artikolu 7 huwa li ma tistax persuna tinstab ħatja ta' att li ma jkunx jikkostitwixxi reat kriminali meta tkun wettqitu. Dan ċertament li mhuwiex il-każ fil-każ odjern.*

23.*Illi mingħajr preġudizzju għal dan jingħad illi fi kwalunkwe każ fil-każ odjern fiż-żmien meta seħħ ir-reat, il-liġi senjatament l-artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien diġa' in vigore u ma sar ebda tibdil fih miż-żmien meta sar ir-reat sa meta r-rikorrent ingħata l-piena. Fil-fatt minn ħarsa lejn il-Kodiċi Kriminali jirriżulta illi l-aħħar darba li kien hemm emenda f'dan l-artikolu qabel ma ngħatat is-sentenza kien fl-1981. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi r-reati li tagħhom insab ħati r-rikorrent seħħew fl-2006 u s-sentenza fil-konfront tiegħu ingħatat f'Ġunju tal-2009, f'liema perjodu ma kien hemm ebda tibdil fil-liġi ;*

24.*Illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ir-rikorrent jissustanzja l-allegazzjoni tiegħu billi jgħid illi ma hemm ebda mekkaniżmu legali li in forza tiegħu jista' japplika għat-tnaqqis fl-istess piena;*

25.*Illi f'dan ir-rigward l-esponent jirrileva illi sabiex jiskatta t-tħaddim tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni irid l-ewwel tinstab vjolazzjoni ta' xi artikolu ieħor konvenzjonali u jekk tinstab tali vjolazzjoni wieħed ikun jista' jiddibatti l-mertu tal-artikolu 13; altrimenti jkun hemm nuqqas tal-applikabilita' tal-artikolu 13;*

26. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kellu dritt ta' appell mis-sentenza li ngħatat fil-konfront liema rimedju hu naqas milli jagħmel użu minnu;*

*Illi inoltre kif ingħad aktar 'il fuq ir-rikorrent għad għandu rimedju ai termini tas-sub-inċiż (6) tal-artikolu 10 tal-Kap. 9 tal-Liġijietta' Malta li jistipula illi "L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti."*

27. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jirrileva illi anke kawżi kostituzzjonali jikkostitwixxu rimedju prattiku u effettiv;*

***Dwar ir-rimedju***

28. *Illi data ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, ċertament illi r-rimedju mitlub mir-rikorrent fil-forma velata tat-tneħħija tal-interdizzjoni mhijiex rimedju li għandu jingħata minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress li hija l-Qorti li ħarġet tali rimedju li wara li tara jekk ikunx hekk ġustifikat anke bl-għajnuna ta' ħatra ta' esperti, tordna r-revoka ta' tali ordni;*

29. *Illi għalkemm din l-Onorabbli Qorti tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madanakollu hija l-umli fehma ta' l-esponent li ma jridx jintesa'*

*l-iskop tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jiġu stabbiliti standards u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-istandards hija r-rimedju ewlieni;*

*30.Illi dejjem mingħajr preġudizzju ssir ukoll referenza għall-kawża fl-ismijiet '**Major Peter Manduca vs. L-Onorevoli Prim' Ministru'** [5] fejn ġie osservat illi:*

*"Il-Qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm każijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi. Hawn ir-rikorrent kellu vindikazzjoni ta' l-allegazzjoni tiegħu (just satisfaction) pero' ma ġiex akkordat kumpens materjali."*

*31.Illi għalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat li ġew allegati l-atti tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Danilo Bezzina* deċiżi fil-25 ta' Ġunju 2009 u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali ġiet sorvolata.

Rat il-bqija tal-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

[5] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni sabiex iressaq ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fir-rigward ta' sentenza li ngħatat fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sena 2009. Fil-fehma tiegħu l-impożizzjoni tal-interdizzjoni perpetwa fis-sentenza msemmija tilledi l-artikoli 3, 6, 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") u l-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni"). Huwa qiegħed jitkob ukoll rimedju opportun għal dawn l-allegati vjolazzjonijiet.

Minn naħa tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jirribatti li r-rikorrent ma sofra ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**Mill-provi mressqa jirriżulta li** –

1. Ir-rikorrent kien impjegat mal-Awtorita' tat-Trasport u xogħolu kien li jipproċessa applikazzjonijiet ġodda u jaċċetta tiġdid tal-liċenzja personali tas-sewqan[6].

2. Fit-22 ta' Novembru 2006 l-pulizija rċeviet ittra mill-Awtorita' msemmija fejn ġew infurmati li ittra anonima kienet qed tallega li wara l-każ tal-korruzzjoni u tixħim ta' eżaminaturi tas-sewqan, din il-korruzzjoni kienet infirxet anke ġewwa t-testing centre fi G'Mangia. Minn hemm bdew l-investigazzjonijiet fuq allegat tixħim ta' kif kienu jsiru l-eżamijiet tat-teorija tal-karozza u r-rikorrent kien wieħed minn dawk interrogati[7].

[6] Affidavit a fol 163 et seq

[7] Xhieda tal-ispettur Angelo Gafa a fol 38 et seq

3. Fis-17 t'Ottubru 2006 ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija lill-pulizija[8] fejn spjega kif taħdem is-sistema tal-applikazzjonijiet għat-testijiet tas-sewqan. Fost oħrajn qal li qabel ma applikant jgħaddi mit-test tas-sewqan teoretiku dan ma jistax japplika sabiex ipoġġi għat-test prattiku. Iċ-ċertifikat tat-teorija kien ta' kulur abjad u kellu diversi karatteritiċi inkluż li jkun *embossed*. Sqarr ukoll li huma bħala mpjegati tal-Awtorita' setgħu jaċċettaw biss l-oriġinal u mhux fotokopja. Nonostante dan huwa ammetta li mingħand l-istess terza persuna kien aċċetta xi fotokopji ta' tali ċertifikati nkluż dak muri lilu mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni. Qal li dan it-terz kien jgħidlu li ċ-ċertifikat tal-kandidat kien mitluf u allura jitolbu jgħamillu pjaċir u jaċċetta l-fotokopja. Ir-rikorrent kien jaf li bħala proċedura tal-Awtorita' jekk ċertifikat oriġinali jintilef irid isir ieħor ġdid oriġinali. Qal li madankollu, kemm minħabba pressjoni ta' xogħol u anke għax dan it-terz kien jgħaddilu xi flus, huwa kien aċċetta dawn il-fotokopji. Fl-istqarrija huwa qal li dan it-terz kien jgħaddilu xi Lm2 (€4.65) jew €11.65 tal-pjaċir li kien jgħamillu. (Fl-affidavit tiegħu[9] ir-rikorrent isemmi li kien jirċievi bejn Lm10 (€23.29) u Lm25 (€58.23)). Huwa qal li ma kienx jaf li dawn iċ-ċertifikati kienu falsifikati.

4. Sussegwentement ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie akkużat li f'xi perjodu bejn April 2006 u Awissu 2006 fil-kapaċita tiegħu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) in konnessjoni mal-impieg tiegħu, talab, rċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom ma kellux jedd, u minħabba dan naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel. Huwa ġie akkużat ukoll talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, fil-kapaċita tiegħu ta' skrivan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi l-flus jew ħwejjeg ohra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġġ dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi.

[8] Fol 43 et seq
[9] Fol 163

5. Il-prosekuzzjoni talbet lil dik il-Qorti sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Ir-rikorrent odjern ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

7. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 2009 il-Qorti sabitu ħati skont il-liġi iżda stante l-ammissjoni tiegħu u stante wkoll il-fedina penali tiegħu kienet waħda nadifa, flok ikkundannatu lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mis-sentenza. Il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 119 tal-Kap 9 u għalhekk tatu nterdizzjoni perpetwa.

8. Ir-rikorrent m'appellax mill-piena mogħtija f'dik is-sentenza.

9. Fis-snin sussegwenti huwa għamel diversi tentattivi sabiex titneħħilu l-interdizzjoni msemmija. Huwa ntavola żewġ rikorsi għal dan il-għan quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[10] li pero' ġew miċħuda u dan peress li fil-fehma tal-Qorti r-reat kommess mill-akkużat kien wieħed serju ħafna u kien iwassal għal priġunerija sa perjodu ta' tmien snin u għalhekk ma kienx opportun li t-talbiet jiġu milqugħa[11]. Ir-rikorrent kien preżenta wkoll żewġ petizzjonijiet lill-President ta' Malta fejn talab il-maħfra tas-sentenza mogħtija lilu limitatament għall-interdizzjoni perpetwa li ġiet applikata fil-konfront tiegħu[12] iżda dawn ma ġewx milqugħa[13].

10. Ir-rikorrent xehed[14] li b'riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ħajtu nbidlet ta' taħt fuq. Kien għadu żgħir mmatur u għalkemm kien lest għall-konsegwenzi ta' għemilu xorta kien xokk kbir personali u affetwah anke fil-mod kif iħares lejn il-ħajja. Huwa ma kienx jista' jiffirma kuntratti u anke meta rċieva l-wirt tan-nanniet kellu joqgħod jagħmel rikors il-Qorti u dan kien ta' umiljazzjoni għalih quddiem il-familjari tiegħu. L-istess ġara meta missieru

[10] Rikorsi datati 15 ta' Diċembru 2011 a fol 149 et seq, 17 ta' Marzu 2017 a fol 160 et seq
[11] Digriet datat 9 ta' Jannar 2012 a fol 159 u digriet datat 20 ta' Marzu 2017
[12] Petizzjonijiet datati 19 ta' Mejju 2011 a fol 183 u 17 t'Ottubru 2012 a fol 185
[13] Ittra datata 22 ta' Novembru 2011 a fol 184
[14] Affidavit a fol 164 et seq

għaddielu proprjeta' b'donazzjoni. U lanqas fit-tieġ t'oħtu ma seta' joqgħod xhud għax peress li dan kien ser isir fi żmien qasir ma laħaqx ressaq rikors fil-Qorti għall-approvazzjoni. Huwa kellu jiffaċja wkoll problemi ta' disokkupazzjoni. Huwa jħoss li bl-interdizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kull pass li jagħmel f'ħajtu ma jistax jaġixxi b'mod awtomatiku b'dana li l-indipendenza tiegħu ġiet imċaħħda u se jkollu jġorr dan il-piż għal għomru.

11. Xehed missier ir-rikorrent Luciano Bezzina[15] li qal li ibnu kien jaċċetta l-flus mingħand it-terz bħala tips u li binhom dejjem insista magħhom li ma kellux idea li d-dokumenti fotokopjati kienu foloz. Huwa qal li wara li ngħata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ħajjet ibnu ma baqgħetx faċli u kellu fost oħrajn problema ta' xogħol li affetwatu psikoloġikament. Minħabba l-interdizzjoni perpetwa Danilo ġie mċaħħad milli jagħmel kull att ċivili u kull darba li tkun meħtieġa l-firma tiegħu huma jkollhom ikellmu avukat jew nutar sabiex tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ix-xhud jidher minfloku.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok għandhom jiġu trattati l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali.

**1. It-tieni eċċezzjoni preliminari** tirrigwarda n-non eżawriment tar-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrent. Din l-eċċezzjoni tgħid hekk –

*"Fit-tieni lok u in linea preliminari l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju qabel ma ntroduċew il-proċedura odjerna. F'dan ir-rigward l-esponenti jissollevaw illi r-rikorrenti kellu dritt jappella mis-sentenza* ***Il-Pulizija (Sp Angelo Gafa') vs Danilo Bezzina*** *deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ġunju 2009 kif ukoll kellu u għad għandu possibilita' ta' reviżjoni tal-piena ta' interdizzjoni*

[15] Fol 194

*u dan ai termini tas-sub-inċiż (6) tal-artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula hekk:*

*"L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher ku hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjoni tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti."*

*Illi proċeduri ta' natura kostituzzjonali mhumiex intiżi biex jissosstitwixxu proċeduri ordinarji li setgħu jiġu proposti. Għalhekk din il-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta".*

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-istess prinċipju japplika a tenur tal-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013[16] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-*

[16] Rik Nru 68/11

*sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet **"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"** (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm mezzi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[17] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom*

[17] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

*jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[18]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[19]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[20]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[21]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnu kif ukoll jekk ir-rimedju ordinarju ndikat mill-intimat kienx jakkorda rimedju sħiħ għall-lanjanzi kollha tar-rikorrent.

Madankollu tispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[22]:

[18] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[19] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[20] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[21] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et"** – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

Il-Qorti tirrikonoxxi li huwa minnu dak li qiegħed jgħid l-Avukat Ġenerali li r-rikorrent kellu a dispożizzjoni tiegħu r-rimedju tal-appell mill-piena u li kien u għad għandu l-possibilta' ta' reviżjoni tal-piena tal-interdizzjoni perpetwa a tenur tal-artikolu 10 (6) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu wkoll li dawn ir-rimedji kienu aċċessibbli, effettivi u effikaċi żgur biex jindirizzaw jekk ġiex mogħti l-piena ġusta u saritx applikazzjoni koretta tal-liġi u anke biex titneħħa l-interdizzjoni lamentata. Iżda kif diġa sottolineat fis-suespost, dan ma jipprekludix lill-Qorti milli tiddeċiedi li tesplora l-lanjanza kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent.

Fil-fatt il-Qorti wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jidhrilha li l-mertu tal-lanjanzi avvanzati jimmeritaw li jiġu evalwati mill-ottika tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti tagħżel għalhekk li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha a tenur tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artkolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

**Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat sejra tiġi respinta.**

2. **It-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġeneraali tgħid hekk –

*"Illi fit-tielet lok u in linea preliminari wkoll l-esponenti jeċepixxu illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-allegazzjoni illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta imponiet fuq ir-rikorrent l-interdizzjoni perpetwa, l-esponent jeċepixxi illi din il-Qorti fis-Sede*

[22] Rik 40/10

*Kostituzzjonali tagħha għandha l-kompitu illi tara jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ kienx hemm ksur jew le tad-drittijiet sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-Qrati l-oħra biex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi sewwa jew le. Jingħad hawnhekk illi din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti b'kompetenza kostituzzjonali ma tistax isservi bħala qorti tal-appell, minn deċiżjoni li magħha r-rikorrent ma jaqbilx;"*

Il-Qorti tirrileva mmedjatament il-prinċipju proċedurali li kawża kostituzzjonali m'għandiex tiġi utilizzata bħala pjattaforma biex direttament jew indirettament tiġi appellata sentenza ta' Qorti oħra li tkun għaddiet in ġudikat. Hemm distinzjoni netta bejn l-iskop ta' proċeduri ordinarji u dawk kostituzzjonali. Infatti, b'referenza għal każ tal-lum, l-għan ta' proċeduri kriminali huwa li jwasslu għal sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni tal-imputat minn akkużi miġjuba kontrih filwaqt li l-għan ta' proċeduri kostituzzjonali huwa li ssir indaġni dwar jekk persuna sofrietx jew aktarx ser issofri ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Żgur iżda li kawżi kostituzzjonali ma humhiex intiżi li jiddibattu l-kunsiderazzjonijiet u l-mertu *per se* tal-proċeduri li jkunu saru quddiem il-Qrati ordinarji.

Kif ingħad fil-każ **Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fit-28 ta' Diċembru 2001** –

*"L-intimati għandhom raġun meta jikkontendu li din il-Qorti m'għandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad ogħla mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeċiedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u eżaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli għall-proċeduri li dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali (bħalma hi, per eżempju, il-kwistjoni ta' l-ammissibilita` o meno ta' ċerti provi). Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk ġewx leżi o meno d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea .....".*

Ingħad mill-ferm ikkwotati awturi **Harris, Boyle u Warbrick** fir-rigward ta' l-iskrutinju li tista u għandha tagħmel il-Qorti Ewropea f'kazi mressqa taħt il-Konvenzzjoni Għad Drittijiet tal-Bniedem, għalkemm hawn l-awturi kienu qed jikkonsidraw ksur allegat taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzzjoni, illi *"A delicate question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance doctrine', according to which, '**it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention**.'*[23] *The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors of fact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under article 6 because such errors are considered to affect the interpretation and application of national law.*[24] *However , this last statement must be read subject to a limitation that is to be foumd in the Court's jurisprudence to the effect that there may be a breach to article 6 where a national court decision on the merits has been arbitrary or 'manifestly unreasonable.'*[25]

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali hija ġustifikata.

Jiġi nnutat li fil-premessi tar-rikors promotur ir-rikorrent jallega li s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2009 hija nġusta *"għaliex hija applikazzjoni żbaljata tal-liġi"*. Il-kompitu ta' din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha iżda huwa li teżamina biss jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-25 ta' Ġunju 2009 **kif inhi** hijiex leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u xejn aktar. *Detto cio* u għal kull buon fini jingħad ukoll li fi kwalunkwe każ imkien fil-kors tal-proċeduri odjerni r-rikorrent ma amplifika dan l-ilment u wisq inqas ġab provi dwaru. Anzi l-Qorti tissottolinea li ma hemm ebda dubju li għar-reati addebitati lir-rikorrent u l-piena li kienu jġorru ta' aktar minn sentejn ħabs ma kien hemm ebda għażla għall-Qorti tal-Maġistrati ħlief li tapplika l-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali u tagħti lir-rikorrent odjern l-interdizzjoni perpetwa kif fil-fatt

[23] **Garcia Ruiz vs Spain** 1999-1; EHRR 589 para 28 GC. L-enfasi hu ta' din il-Qorti..
[24] See, eg. **Anderson vs U.K.** No. 44958/98 hudoc (1999) DA
[25] **Harris, Boyle and Warbrick: The Law of the European Convention on Human Rights**; 4th Ed. Page 374

għamlet. Għalhekk bla dubbju l-Qorti tal-Magistrati mxiet fil-limiti u parametri dettati Lilha mill-liġi fl-applikazzjoni tal-piena mposta.

**Għadaqstant din l-eċċezzjoni sejra tiġi akkolta.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Imiss għalhekk issa jiġu trattati t-talbiet tar-rikorrent fil-mertu.

L-ilment tar-rikorrent huwa li l-interdizzjoni perpetwa mposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

**L-ewwel talba tar-rikorrent: Allegat ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrent jitlob lil din il-Qorti sabiex -

*"Tiddikjara u tiddeċiedi li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju, 2009 in kwantu timponi fuqu l-interdizzjoni perpetwa tammonta għal trattament degradanti u inuman fis-sens tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija kif ukoll fis-sens tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjon ta' Malta;"*

Minn naħa tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali jargumenta li bl-interdizzjoni perpetwa r-rikorrent ma ġiex assoġġettat għal trattament inuman u degradanti kif kontemplat fl-artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti stess fis-sentenza tagħha **George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-kwalita' rappreżentattiva tiegħu et deċiża fit-23 ta'**

**Novembru 2016** issottolineat is-segwenti prinċipji ġurisprudenzjali dwar l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni -

*"L-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:*

*36. (1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

*(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.*
*(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta' pieni kollettivi.*

*(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp."*

*L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:*

*"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

*Rassenja ta' ġurisprudenza elenkata minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Matthew Bajada vs l-Avukat Generali et deċiża fid-29 ta' Settembru 2016**[26] tislet is-segwenti prinċipji applikabbli għal dawn iż-żewġ artikoli:*

*Id-dritt tal-persuna li ma tkunx assoġġettata għal piena jew trattament inuman jew degradanti huwa wieħed mill-ftit li huwa redatt f`termini assoluti kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni.*

*Fis-sentenza li tat fil-5 ta` April 1991 fil-kawża **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat illi trattament inuman jew degradanti m`għandux jiġi ekwiparat ma` tortura, għaliex għalkemm iż-żewġ konċetti huma relatati għandhom jinżammu distinti ("**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar**" - 20 ta` Lulju 1977 – Qorti Kostituzzjonali). Fil-fatt it-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u ntenzjonata ta` trattament inuman jew degradanti.*

[26] Rik Nru 19/14

*Fis-sentenza appena ċitata ta` "**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar**" il-Qorti Kostituzzjoni qalet hekk :-*

*Kwantu għall-kunċett ta` "trattament inuman", din il-Qorti taħseb li, in ġenerali, tista` wkoll tirriferixxi għal dak espress mill-Kummissjoni Ewropeja fl-imsemmi **Każ Grieg**, kif kjarit imbagħad fl-imsemmi **Każ ta` l-Irlanda**.*

*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable" (Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Kaz Grieg, loc. cit).*

*Bi kjarifikazzjoni għal dan, ġie imbagħad aġġunt mill-istess Kummissjoni fir-Rapport tagħha fuq il-Każ ta` l-Irlanda (p.378) li hija innotat li "the term unjustifiable (in the particular situation) has given rise to some misunderstanding and therefore finds it necessary to state clearly that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for any treatment in breach of article 3" (tal-Konvenzjoni) (ara wkoll deċiżjoni ta` l-imsemmija Kummissjoni fl-Applikazzjoni Num 4771/71 **Jacob Hamma vs The Netherlands**).*

*Kwantu għal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem sempliċi, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor (ara Rapport ta` l-imsemmija Kummissjoni fil-Każ Grieg, loc cit) …*

*Sabiex trattament partikolari jkun jikkostitwixxi vjolazzjoni skont id-disposizzjonijiet ċitati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, dak it-trattament jeħtieġ li jilħaq grad ta` gravita` tali illi l-ġudikant għandu japplika t-test soġġettiv, u ċioe` fejn il-kejl ma jkunx abbażi ta` l-effett li dak it-trattament jista` jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, iżda abbażi tal-effett li dak it-trattament kellu fuq il-persuna partikolari li għalih tkun ġiet assoġġettata. Għalhekk is-sess, l-eta`, l-istat ta` saħħa, l-inkapaċitajiet u fatturi varjabbli oħra li jagħmlu l-persuna dak li effettivament hi għandhom jingħataw debita importanza [ara l-ġurisprudenza ċitata fis-sentenza fil-kawża: "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (op. cit.)].*

*Trattament inuman jew degradanti huwa mejqus b`manjiera sostanzjalment simili jekk mhux identiku mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Frar 2008 fil-kawża "**Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et**" il-Qorti Kostituzzjonali għamlet riferenza għad-deċiżjoni tal-ECHR tad-19 ta` April 2001 fil-kawża "**Peers v. Greece**" fejn kien ingħad :-*

*'67. The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*68. Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Raninen v. Finland, judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55) ... 74. In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX)."*

*Fil-każ ta` "**Yancov v. Bulgaria**" deċiż fil-11 ta` Dicembru 2003 l-ECHR qalet hekk :-*

*105. In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI).*

*106. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, **Ireland v. the United Kingdom**. Judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*107. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation*

*connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible withrespect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and wellbeing are adequately secured (**Kudla v. Poland** [GC], no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI).*

*Fid-deċiżjoni li tat l-ECHR fis-27 ta` Lulju 2010 fil-każ ta` "**Gatt v. Malta**" kien ingħad hekk:-*

*'The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim`s behaviour. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element (see **Kafkaris v. Cyprus** [GC], no. 21906/04, §§ 95-96, ECHR 2008)."*

Ir-rikorrent jilmenta li l-interdizzjoni perpetwa ħolqitlu *"tbatija ntollerabbli[27]"* għax sab ruħu f'sitwazzjoni ta' ċerti diffikulajiet fejn ma jistax jagħmel atti ċivili u kien hemm diversi ċirkostanzi personali u familjari fejn kellu joqgħod jirrikorri għall-Qrati permezz ta' rikorsi fir-rigward. Huwa jilmenta wkoll li l-interdizzjoni perpetwa, bħala piena anċillari hija aktar gravuża minn dik prinċipali, hija sproporzjonata għar-reat innifsu u hija wkoll leżiva għax mhijiex rivedibbli.

Il-Qorti tqis qabel xejn importanti li tenfasizza l-fatt li l-interdizzjoni perpetwa mogħtija lir-rikorrent mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 2009 hija pjenament leġittima u taqa' fil-parametri tal-pieni maħsuba għar-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent. **L-artikolu 119 tal-Kodiċi**

[27] Fol 201 – Nota ta' Sottomissjonijiet

**Kriminali** (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta) fl-epoka tar-reat kommess mir-rikorrent kien jipprovdi hekk -

*"Il-piena ta' l-interdizzjoni ġenerali perpetwa tiżdied mal-pieni msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, meta l-maximum ta' dawn il-pieni jkun iżjed minn sentejn priġunerija; meta l-piena ma tkunx iżjed minn sentejn priġunerija, tiżdied il-piena ta' l-interdizzjoni ġenerali temporanja."*

Bħala punt tat-tluq għalhekk ma hemm ebda dubju li l-interdizzjoni perpetwa ma kinitx intiża li ntenzjonalment tirreka tbatija lir-rikorrent bl-iskop li tumiljah u tbaxxi d-dinjita' tiegħu għax hija l-liġi stess li tesiġi tali miżura fiċ-ċirkustanzi li daħal għalihom ir-rikorrent bir-reati li wettaq. U għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ġustament u skont il-liġi imponietlu l-interdizzjoni msemmija.

Huwa konċepibbli wkoll li tali interdizzjoni kellha wkoll riperkussjonijiet fuq il-ħajja tar-rikorrent in kwantu kif qal hu stess kellu jiffaċċja diversi restrizzjonijiet fuq xi azzjonijiet tiegħu partikolarment fejn jidħlu atti ċivili. Fuq livell uman il-Qorti tasal biex tempatizza mar-rikorrent għal dan.

**IŻDA** kif issottolineaw il-Qrati ripetutament fil-każistika suċċitata, mill-ambitu tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali a tenur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni huma esklużi s-sofferenzi, l-inkonvenjenti u anke l-umiljazzjoni li persuna inevitabilment tiffaċċja b'riżultat ta' trattament jew piena leġittima. U hija l-fehma ferma tal-Qorti li l-ilment tar-rikorrent fil-kawża odjerna huwa meqjus li jaqa' 'l barra mill-ambitu tal-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni proprju għax dak li huwa qed jesperjenza b'riżultat tal-interdizzjoni perpetwa huwa l-effett dirett tal-piena leġittima u skont il-liġi li ngħata għar-reati li hu stess ammetta li kkommetta. Għalhekk ma jirriżultax li l-lanjanza tar-rikorrent li huwa qiegħed jiġi assoġġettat għal trattament inuman u degradanti bis-saħħa tal-interdizzjoni perpetwa hija akkoljibbli taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

F'kull każ il-Qorti jidhrilha li għandha wkoll tindirizza xi punti mqajma mir-rikorrent dwar l-ilment in eżami -

i. Jiġi preċiżat li għal dak li huwa xogħol, l-interdizzjoni perpetwa toħloq biss skwalifika fuq kull kariga jew impjieg pubbliku (art.10(2) tal-Kap 9) in kwantu r-rikorrent ma jistax aktar jaħdem f'dak is-settur. Ir-rikorrent la għandu u lanqas qatt ma kellu xi mpediment biex isib xogħol ieħor fis-settur privat u għalhekk ma hemm ebda konnessjoni bejn l-interdizzjoni in kwistjoni u l-ilment tiegħu dwar nuqqas ta' mpjieg li jgħid li rriskontra;

ii. Huwa wkoll infondat l-argument tar-rikorrent li l-interdizzjoni in eżami tokkostitwixxi trattament inuman u degradanti għax mhijiex rivedibbli[28]. Il-Qorti tirreferi għall-artikolu 10 (6) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi proprju din l-opportunita' ta' reviżjoni in kwantu *"l-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti."* Joħrog ċar għalhekk illi dan l-argument imressaq huwa wieħed għal kollox ħażin. Il-fatt li sal-lum ir-rikorrent għad ma kellux suċċess fit-tentattivi tiegħu li titneħħa minn fuqu din l-interdizzjoni ma jfissirx li huwa tilef kull possibilita' ta' rijabilitazzjoni għaliex l-opportunita' li jadixxi quddiem il-Qorti a tenur tal-artikolu 10 (6) imsemmi hija dejjem disponibbli għalih.

**Għaldaqstant il-Qorti ssib li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-ewwel talba sejra tiġi miċħuda.**

## **<u>It-tieni talba tar-rikorrent: Allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni</u>**

Permezz ta' din it-talba r-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti -

*"Tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess sentenza tivvjola l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu il-piena ta' interdizzjoni perpetwa bħala piena anċillari għal*

[28] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 203

*dik prinċipali hija aktar gravuża mil-piena prinċipali u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju tal-ċertezza legali;"*

**L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

*(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*

*(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*

*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income;*

*Jew*

*(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –*

*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*

*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u*

*(e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża, u ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna*

*akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.*

*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*

*(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*

*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta'*
*dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja.*

*(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha.*

*(11) F'dan l-artikolu "rappreżentant legali" tfisser persuna intitolata li teżerċita f'Malta bħala avukat jew, ħlief dwar proċeduri quddiem qorti fejn prokuratur legali ma għandux dritt ta' smigħ, prokuratur legali."*

**L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-*

*sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tassigurtà nazzjonali f 'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u biddettal, dwar innatura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

L-ilment tar-rikorrent huwa bażat fuq żewġ binarji u ċioe' li l-piena ta' interdizzjoni perpetwa (i) bħala piena anċillari għal dik prinċipali hija aktar

gravuża mil-piena prinċipali; u (ii) tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju tal-ċertezza legali.

Il-Qorti tfakkar fl-ewwel lok li kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

*"…the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*(a) the right of access to the courts*
*(b) the right to be present to an adversarial hearing*
*(c) the right to equality of arms*
*(d) the right to a fair presentation of the evidence*
*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement*[29]

Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti l-ilmenti mressqa mir-rikorrent mhumhiex koperti fil-protezzjoni garantita taħt dawn l-artikoli. Għal kull buon fini l-Qorti tirrileva li ebda wieħed mid-drittijiet fundamentali protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma ġew negati lir-rikorrenti.

Infatti –

- huwa kellu aċċess għall-Qrati u bbenefika minn dan l-aċċess fl-istadji kollha tal-proċeduri kriminali kontrih.
- kellu d-dritt li jkun preżenti waqt is-smigħ tal-proċeduri u fil-fatt huwa kien jattendi għalihom;
- jirriżulta li d-dritt għall-*equality of arms* ġie rispettat;
- ma jirrizultax li fil-kors tal-proċeduri kriminali r-rikorrent ilmenta li ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jressaq il-provi tant li fis-seduta preċedenti

[29] **Clayton R. & Tomlinson H,** 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

għal dik li fiha rreġistra l-ammissjoni tiegħu l-każ kien ġie differit għal provi difiża[30];

- huwa kellu kull opportunita', kif fil-fatt għamel tramite d-difensur tiegħu, li jagħmel il-kontro-eżamijiet;
- is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2009 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet motivata u ma hemmx ilment dwar dan lanqas.

Isegwi li l-elementi kollha tad-dritt għal smiegħ xieraq salvagwardjati bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandhom jitqiesu sodisfatti fil-konfront tar-rikorrent u żgur għalhekk li ma ġie pruvat ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tiegħu.

Għal fini ta' kompletezza l-Qorti xorta pero' sejra tindirizza l-ilmenti tar-rikorrent. Dwar l-ilment tiegħu li l-interdizzjoni perpetwa bħala piena ancillari għal dik prinċipali hija aktar gravuża mil-piena prinċipali l-Qorti tfakkar li kif ġie anke osservat mill-Qorti tal-Maġistrati fid-digrieti tagħha li bihom ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent għat-tneħħija tal-interdizzjoni perpetwa, ir-reati li bihom ġie akkużat u misjub ħati r-rikorrent huma ta' natura serja ħafna li jġorru magħhom piena <u>karċerarja sa tmien snin</u>. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet ġustizzja mar-rikorrent odjern u wriet klemenza miegħu meta tatu l-liberta' kundizzjonata in vista tal-ammissjoni u l-fedina penali tiegħu issa huwa qiegħed jipprova jinqeda b'dik l-istess klemenza biex jattakka l-interdizzjoni perpetwa li ngħatatlu fis-sentenza tal-2009.

Ma jreġix l-argument tar-rikorrent li tali nterdizzjoni hija sproporzjonata għar-reat u li hija aktar gravuża mill-piena prinċipali. In kwantu huwa l-leġislatur stess li fil-Kodiċi Kriminali jesiġi l-għoti ta' tali nterdizzjoni fir-rigward ta' ħtija għal reati u pieni li bihom ġie misjub ħati r-rikorrent, din l-istess interdizzjoni tifforma parti mill-piena sħiħa u komplessiva li tingħata. Ma hemm għalhekk ebda sproporzjon għax il-piena hija waħda tant li hi anke tassattiva u mhux diskrezzjonarja.   B'żieda ma dan,  u dan jorbot ukoll mall-fatt li din il-piena hija waħda sewwa sew marbuta mall-piena prinċipali, wieħed għandu żżomm f'moħħu li din il-piena hija waħda maħsuba għar-reati li ssiru minn individwi li jokkupaw kariga pubblika fil-qadi ta' tali kariga. Għalhekk l-ispirtu tal-ligi hu, lil ħati,  jiġi għal żmien kif stabbilit mill-Qorti, fit-terminu mogħti lilha bil-liġi, impedut mill jeżerċita xi kariga oħra simili ġialadrba jkun xellef u mminna il-fiduċja pubblika.  Frankament isibha ukoll diffiċli din il-Qorti kif jista jiġi argumentat illi piena ta' interdizzjoni hija aktar gravuza minn piena karċerarja twila għax dik hija l-piena imposta mill-liġi għar-reat kommess mir-rikorrenti *a prescindere* mill-fatt li hu bbenefika minn piena aktar mita minħabba l-ammissjoni bikrija.

[30] Fol 142

Dwar l-ilment l-ieħor tar-rikorrent li l-interdizzjoni perpetwa tagħti diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju tal-ċertezza legali l-Qorti ssib li dan huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. Ma jistax jitqies li l-ġudikant għandu diskrezzjoni llimitata għax fl-ewwel lok hija l-liġi stess li b'mod tassattiv tobbligah li jagħti l-interdizzjoni perpetwa b'żieda mal-pieni msemmijin fl-artikoli 112 sa 118 tal-Kodiċi Kriminali meta l-maximum ta' dawn il-pieni jkun iżjed minn sentejn priġunerija, kif kien il-każ tar-rikorrent. Fit-tieni lok, anke meta jiġi biex jiddelibera dwar talbiet għar-reviżjoni tal-interdizzjoni perpetwa a tenur tal-artikolu 10 (6) tal-Kodiċi Kriminali huwa neċessarju li l-leġislatur jakkorda diskrezzjoni wiesgħa lill-ġudikant għaliex huwa jkun jeħtieġlu jiddelibera t-talba skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ. B'daqshekk ma hemmx xi nuqqas fil-liġi oltre l-fatt li kull ġudikant huwa meqjus li, l-istess bħalma jagħmel f'kull ġudizzju li jagħti, juża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod kuxjenzuz, b'nuqqas ta' arbitrarjeta' u bil-bon sens kollu kif jirriżulta li seħħ fil-każ odjern meta l-Qorti tal-Maġistrati spjegat kif użat id-diskrezzjoni tagħha billi tat raġunijiet ben validi, motivati u skont il-liġi għaċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-interdizzjoni in kwistjoni. Għalhekk kull li meta il-liġi takkorda diskrezzjoni fl'għoti ta' piena jew deċiżjoni oħra f'idejn il-gudikant ma tkunx b'xi mod qegħda tagħti din il-fakolta b'mod illimitat u arbitrarju, imma tkun qegħda fil-parametri stabbiliti tħalli f'idejn il-gudikant adit bis-smiegħ tal-kawza/rikors, li wara li jifli u jezamina l-fattispeċie risultanti tal-kaz, jinfliggi dik il-piena/deċiżjoni ġusta **li tvarja minn kaz għal iehor** dejjem fil-limitazzjoni imposta fuqu bil-liġi. Oltre dan, u b'mod speċifiku għar-rikors maħsub taħt l-artikolu 10 imsemmi, jispetta lir-rikorrenti li qed jressaq it-talba illi jressaq provi ta' dak minnu sostnut fir-rikors, fatt dan li mhux priv lilu bil-liġi.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Medvedyev v France**, il-**Grand Chamber** qalet dan dwar il-prinċipju taċ-ċertezza legali li *per parentesi* huwa sewwa sew marbut man-nozzjoni tas-Saltna tad-Dritt u konsegwentement man nuqqass ta' arbitrarjeta':-

*" essential that the conditions for deprivation of liberty under domestic law and/or international law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of 'lawfulness' set by the Convention, a standard which requires that all law be sufficiently precise to avoid all risk of arbitrariness and to allow the citizen - if need be, with*

*appropiate advice - to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances of the case, the consequence which a given action may entail"*[31]

Tqies ukoll f'dan ir-rigward u marbut ma l-argumenti esposti illi ir-rikorrenti minn jeddu għazel li jirregistra ammissjoni, dan wara li fehem l-akkuzi miġjuba kontrih. Kif intqal darba li għamel dan, ibbenefika mill-mitigazzjoni tal-piena u ċertament kien konsapevoli tal-vantaggi li setgħu jittieħdu minn ammissjoni bikrija. Wieħed għandu jifhem li hu kien mogħti l-parriri legali neċessarji biex wassluh għal din id-deċiżżjoni tiegħu. Għalhekk kellu il-possibbilta' ta' konsultazzjoni legali li twasslu għal konoxxenza ta' dawk li huma l-konsegwenzi, anke dawk tassattivi, ta' sejbien ta' ħtija tar-reati lilu adebitati. Il-piena li kellha tiġi mposta kienet waħda ċara u ferm prevedibbli li ma waqgħetx mis-sema imma ilha kodifikata għal snin kbar. 76yy#'5tr66666

**Fid-dawl tas-suespost isegwi li t-tieni talba tar-rikorrent sejra tiġi respinta.**

**<u>It-tielet talba tar-rikorrent: Allegat ksur tal-artikolu 7 abbinat mal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni</u>**

Permezz ta' din it-talba r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti –

*"Tiddikjara u tiddeċiedi in kwantu li sussegwentament għal l-istess sentenza l-liġi relattiva ġiet emendata b'tali mod li fil-każ partikolari tal-esponenti li kieku ma kienx għall-fatt li huwa ġie hekk ikkundannat, kien possibbli għalih li jibbenifika minn piena anqas gravi u in kwantu ma hemm l-ebda mekkaniżmu legali li in forza tiegħu huwa jista' japplika għat-tnaqqis fl-istess piena hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 abbinat mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija;*

**L-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

[31] ECHR-2010;51 EHRR 899 para 80G.C.

*"(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

Fil-każ **Concetta Decelis et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et deċiż fid-9 ta' Diċembru 2010**[32] din il-Qorti diversament preseduta elenkat il-prinċipji applikabbli għall-artikolu 7 appena ċitat -

*"Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi li:-*

*"No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed."*

*Illi għalhekk jirriżulta li r-rikorrenti qed jinvokaw it-tnejn miż-żewġ prinċipji separati li insibu protetti f'dan l-artikolu li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala il-bażi tal-prinċipju dwar tar-Rule of Law u dawn jikkonsistu fis-segwenti:-*

*"1. A criminal conviction can only be based on a norm which existed at the time of the incriminating act or omission (nullum crimen sine lege) and*

*2. On account of the infringement of that norm no heavier penalty may be imposed than the one that was applicable at the time the offence was committed (nulla poena sine lege)". (**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** – pagni 651/2).*

*Illi fis-sentenza "**Kafkaris vs Cyprus**" (ECtHR – 12 ta' Frar 2008 intqal hekk:-*

*"1. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is possible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see **S.W. v. the United Kingdom** and **C.R. v. the United Kingdom**, 22 Novembru 1995, Series A no. 355-C, pp.41-42 para. 35, and pp.68 and 69 para. 33, respectively".*

---

[32] Rik 3/09

*"2. Accordingly, it embodies in general terms, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege) (see* **Kokkinakis v. Greece***, judgment of the 25 May 1993, Series A no. 260-A, p. 22, para. 52. While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by anology (***Coeme and Others v. Belgium***, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, para. 145, ECHR 2000-VII; and Achour, cited above, para. 41".*

*Illi fil-kawża "***Il-Pulizija vs Lorraine Falzon***", il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (P.A. (GV) Riferenza Kostituzzjonali 12/2007 - 28 ta' Marzu, 2008) qalet li dan l-artikolu jipprovdi li:-*

*"(i) huwa projbit li persuna tiġi akkużata b'reat meta fil-mument meta hija kkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta għal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence";*

*"(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att";*

*"(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. "legal certainty".*

*Illi inoltre, fil-kaz "***Kokkinakis v. Greece***" ((ECtHR) - 22 ta' Novembru 1995) l-Qorti Ewropeja qalet li l-artikolu 7 joffri, dak li hija sejhet bhala "essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment" u spjegat illi:-*

*"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable. (para. 52)"*

*"It generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law. (G v France para 25 where notwithstanding changes in legislation leading to reclassification of the sexual offences of which the applicant was accused, these fell within the scope of the Criminal Code provisions, which were accessible and foreseeable). In terms of*

*the standard of foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances. A standard of 'reasonable foreseeability' is sufficient. (Sunday Times para 49)".*

*Illi kif qalet il-Qorti Ewropeja fil kaz "***S.W. u C.R. v United Kingdom***" (ECtHR - 22 Novembru 1995) "judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the 'essence' of the offence. (Kokkinakis para 52 u G v France para 26)".*

*Illi l-awturi fuq citati* ***van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak*** *fil-ktieb taghhom* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *josservaw ukoll li:-*

*"in addition to the principles of "nullum crimen and nulla poena" the Court has distinguished a third principle: the authority applying criminal law shall interpret it not extensively, for instance by analogy, to the accused's detriment...according to the Court, an offence must be clearly defined in law. New more severe legislation cannot be applied to an ongoing situation that arose before it came into force. It is submitted, however, that this third principle is not a separate one but is embodied in the rationale of the nullum crimen and nulla poena sine lege principles". (pagna 652).*

*Illi inoltre, dwar dan il-punt tal-intrerpretazzjoni u sorsi tal ligi l-awturi* ***Harris, O'Boyle & Warbrick*** *fil-ktieb taghhom* ***Law of the European Convention on Human Rights****, it-tieni edizzjoni, jghidu hekk dwar l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja:-*

*"Given that Article 7 requires that national courts act on the basis of their national law and that they interpret and apply that law in accordance with Article 7, the Strasbourg Court may find itself reviewing the interpretation and application of national law by national courts. In accordance with the Court's general approach whereby it does not question the interpretation and application of national law by national courts, this supervisory function is undertaken with caution, with the Court only exceptionally finding the interpretation and application of national law by the national courts to be in breach of Article 7. Article 7 (1) refers to criminal offences that have a basis in 'law'. The term 'law' has the same autonomous meaning as it has elsewhere in the Convention, so that it includes, in terms of sources of law, judge-made law*

*as well as legislation, whether primary or delegated. It does not include 'state practice' that is inconsistent with a state' written of judgemade law and its international human rights obligations. This was ruled in* **Streletz, Kessler and Krenz v Germany***. There the three applicants had been convicted by a German court of offences of incitement to commit intentional homicide and sentenced to five to seven years' imprisonment under the criminal law of the German Democratic Republic (GDR), or East Germany that applied in the GDR when they committed their offences and which the courts of the new Germany continued to apply). The cases concerned the deaths of a large number of individuals who had been killed by GDR order guards by shooting or by mines as they tried to cross the border to West Germany at the time of the Berlin war. The applicants occupied senior positions in the GDR government and party apparatus that was responsible for orders to border guards to arrest or, if necessary, 'annihilate' border violators and to protect the border 'at all costs'. Whereas the applicants were tried under the GDR criminal law that existed when the deaths occurred, they argued that GDR 'state practice' – by way of the orders to border guards referred to above for which they shared responsibility – had superseded that law and justified their acts. The Court held that this 'state practice' was not 'law' for the purposes of Article 7 as it was contrary to both the fundamental right provisions of the GDR constitution and other GDR laws and the GDR's international human rights obligations. Accordingly, it did not replace the GDR criminal law existing at the time, which met the requirements of Article 7 (1). The Court's judgement confirms that delegated legislation or administrative acts that are ultra vires in national law do not count as 'law' for the purposes of Article 7, whether to take away an otherwise valid legal basis for prosecution or to provide a basis for prosecution that otherwise does not exist. The case may also provide a basis for ruling that Article 7 is not complied with on the ground that a national 'law' which is valid within the national legal system is nonetheless contrary to the international human rights obligations of the state. In the companion case of* **K-HW v Germany***, no breach of Article 7 was also found where a young GDR border guard who shot and killed a border violator was convicted by a German court of international homicide. In this case, while acknowledging the great difficulties the border guard would have faced if he had not followed orders, the Court stated that the GDR constitutional and criminal law under which he was later prosecuted were accessible to him and that 'even a private soldier could not show total, blind obedience to orders which flagrantly infringed not only the GDR's own legal principles but also internationally recognised human rights, in particular the right to life, which is the supreme value in the hierarchy of human rights'. In support of this approach, it may be argued that the soldier's*

*difficulties should be taken into account in sentencing rather than in determining guilt." Ara wkoll is-sentenza "**Peter Borg vs Avukat Generali**" (P.A. (AL) – 4 ta' Novembru 2010).*

*Illi fl-istess sentenza inghad illi:-*

*"Article 7 also extends to the situation in which the scope of existing law is extended to acts or omissions that were previously not criminal, and lays down the principle that the 'criminal law must not be extensively construed to the accused's detriment'. The application of the existing law may be extended to new conduct by the courts by way of interpretation where its meaning has previously been unclear or is given a changed meaning by the courts in the applicant's case. It will only be in exceptional cases that the Strasbourg Court will find a violation on either of these bases. As stated by the Court in **CR v UK**, 'there will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changed circumstances. Indeed ... progressive development of the criminal law through judicial-lawmaking is a well entrenched and necessary part of legal tradition' in Convention states, so that Article 7 'cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretations from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen'. As to clarity of meaning, the Court has in several cases not found a breach of Article 7 despite some very generally worded or obscurely drafted laws. This has been either because the national courts have already given it more precise meaning in their case law, or because they have given it a meaning when the point is ruled upon for the first time in the applicant's case that is both foreseeable and consistent with the essence of the offence."*

Mis-suespost huwa għalhekk ċar li l-protezzjoni koperta b'dan l-artikolu tal-Konvenzjoni hija li –

1. Mhijiex permessa l-applikazzjoni retroattiva ta' reat kriminali u ċioe' persuna ma tistax tiġi akkużata b'reat li ma kienx meqjus bħala tali fil-mument li wettqet l-att; u

2. F'każ ta' sejbien ta' ħtija ma tistax tingħata piena aktar ħarxa minn dik li kienet fis-seħħ meta ġie mwettaq ir-reat.

Hija l-fehma ferma tal-Qorti li l-protezzjoni mogħtija minn dan l-artikolu b'ebda mod ma ġiet vjolata fil-konfront tar-rikorrent. Ir-reati li bihom ġie akkużat ir-rikorrent kienu diġa' fis-seħħ fil-mument li wettaqhom u l-istess jingħad għall-piena li rċieva. L-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali li jirrigwarda l-interdizzjni perpetwa mertu tal-proċeduri odjerni kienet ilha snin fis-seħħ meta huwa għamel ir-reat fl-2006. Infatti tali artikolu kien ġie emendata darba waħda biss qabel l-2006 u dan permezz tal-Att XLIX tal-1981.

Kif inhu ammess mir-rikorrent stess, kienu seħħew xi tibdiliet f'dak l-artikolu circa **4 snin <u>wara</u> li seħħ ir-reat** bis-saħħa tal-Att VII tal-2010. Iżda l-liġi tagħna ma kkonċedietx l-effett retroattiv ta' dawn l-emendi u għalhekk għall-fini tal-każ tal-lum dan l-iżvilupp huwa totalment irrilevanti fl-ambitu tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Għal kull buon fini jingħad ukoll li ma hemm ebda paragun bejn il-każ odjern u dak ċitat mir-rikorrent fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu fl-ismijiet **Gouarre' Patte v Andorra** deċiż mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016. F'dak il-każ, wara li l-applikant kien instab ħati ta' reati li wettaq inbidlet il-liġi u saret aktar favorevoli għal dik li hi piena. L-istess liġi ntroduċiet dispożizzjoni transitorja permezz ta' liema persuni li preċedentement kienu nstabu ħatja ta' dawk ir-reati bħal tal-applikant setgħu iressqu talba għal reviżjoni tal-piena skont l-emendi l-ġodda. Li ġara kien li Gouarre' Patte kien użufruwixxa ruħu minn din l-emenda tal-liġi madankollu t-talba tiegħu għal reviżjoni ġiet miċħuda mill-Qorti domestika li qalet li ma kienx ssodisfa r-rekwiżiti meħtieġa skont id-dispożizzjoni transitorja. Il-Qorti Ewropea ddikjarat ksur tad-drittijiet fundamentali ta' Patte propju għax dawn l-emendi ma ġewx applikati favurih retrospettivament kif previst mill-istess liġi. Imma din id-dikjarazzjoni setgħet tingħata mill-Qorti Ewropea għax il-liġi domestika kienet tippermetti applikazzjoni retroattiva tal-piena aktar favorevoli.

Isegwi li l-prinċipji stabbiliti fil-każ ta' Gouarre' Patte ma japplikawx għall-każ odjern.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssib ebda ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Fir-rigward tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni** li r-rikorrent ukoll qiegħed jinvoka fil-lanjanzi tiegħu, dan jipprovdi hekk –

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Dan l-artikolu għalhekk japplika biss fil-każijiet li fihom ikun instab li hemm ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem u la fil-każ tal-lum dan il-ksur ma jirriżultax li seħħ, il-Qorti tqis li ma hemm ebda rimedju li għandu jiġi akkordat lir-rikorrent.

Għalhekk it-tielet talba tar-rikorrent sejra tiġi miċħuda u in kwantu l-bqija tat-talbiet tar-rikorrent huma kollha marbuta mal-għoti ta' rimedju f'każ ta' sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent anke dawn sejrin jiġu miċħuda.

Għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat sejrin jiġu akkolti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali dwar in-non eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet;**

**2. Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**